## Qorti tal-Maġistrati (Malta)

RIK NRU 112/2019: **MONTALDO INSURANCE AGENCY LIMITED GĦAN-NOM U IN RAPPREŻENTANZA TAS-SOĊJETA' ASSIKURATRIĊI ESTERA AIG EUROPE LIMITED (C1052) V. JOSEF CASSAR (KI. 226478M)**

(DISTINZJONI BEJN ID-DIVERSI RELAZZJONIJIET LI JINHOLQU B'RIZULTAT TA' INCIDENT AWTOMOBILISTIKU – DIK AKWILJANA JEW DELITTWALI BEJN IL-PARTIJIET DIRETTAMENT INVOLUTI FL-INCIDENT – DIK EX-LEGE BEJN IL-PARTI LI SSOFRI D-DANNI U LI TIEHU SENTENZA KONTRA L-ASSIGURAT, U L-KUMPANIJA TAL-ASSIGURAZZJONI AI TERMINI TAL-ART. 10(1) TAL-KAP. 104 – DIK EX-CONTRACTU BEJN L-ASSIGURAT LI JIKSER IL-KUNDIZZJONIJIET TAL-POLZA U L-KUMPANIJA TAS-ASSIGURAZZJONI LI TITLOB RISARCIMENT MINGHANDU TAD-DANNI EX LEGE LI TKUN SOFFRIET)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**10 ta' Ottubru 2022**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' Montaldo Insurance Agency Limited fil-kapaċita' tagħha fuq premessa ("ir-rikorrenti" jew "il-kumpanija rikorrenti") ippreżentat fit-12 ta' Ġunju 2019 li permezz tiegħu talbet lil Josef Cassar ("l-intimat") sabiex jgħid għaliex m'għandhux ikun ikkundannat mill-Qorti:

tħallas is-somma ta' sitt elef, tlett mija, disgħa u sittin Euro u wieħed u erbgħin ċenteżmu (€6,369.41), in kwantu għall-€6257.89 rappreżentanti danni, imgħax, spejjez ġudizzjarji u VAT li għalihom għamlet tajjeb is-soċjeta' assikuratriċi rikorrenti versu r-rikorrenti fl-arbitraġġ M575/2006 fl-ismijiet *Alfred Galea u b'Digriet datat 17 ta' Ottubru 2008 ordna illi isem Alfred Galea jigi sostitwit bl-isem Grezzju Gauci vs Carmel u Rita Cassar, Josef Cassar u Dr Patrick Valentino* noe, deċiża fil-31 ta' Ottubru 2013 kif kienet kostretta u obbligata tagħmel a tenur tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta; u in kwantu għall-€111.52 rappreżentanti danni oħra li soffriet is-soċjeta' assikuratriċi rikorrenti kif ser jirriżulta waqt is-smigħ u t-trattazzjoni ta' dina l-kawza.

Illi bħala sfond jiġi rilevat li fis-6 ta' Novembru 2005, ħu l-intimat li kien jismu Donald Cassar, kien involut f'inċident awtomobilistiku waqt li kien qed isuq mutur (Honda CBR) bin-numru ta' reġistrazzjoni VFE-016 ta' proprjeta' tal-intimat. Dana l-mutur kien assikurat mas-soċjeta' assikuratriċi rikorrenti bil-kundizzjoni li kien l-intimat *biss* li seta' jsuq tali mutur. Għalhekk, is-sewwieq Donald Cassar ma kienx kopert bil-polza ta' l-assigurazzjoni maħruġa mis-soċjeta' assikuratriċi rikorrenti fuq l-imsemmi mutur. Skont 'il fuq imsemmi lodo

arbitrali, Donald Cassar instab unikament responsabbli għall-inċident awtomobilistiku in kwistjoni. Konsegwentement, ai termini ta' l-Artiklu 10 tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta, is-soċjeta' assikuratriċi rikorrenti kienet kostretta u obbligata tħallas lit-terz hawn fuq imsemmi l-ammont ta' €6257.89 u inoltre sa llum is-soċjeta' assikuratriċi rikorrenti soffriet danni fl-ammont ta' €111.52 kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' dana l-każ. Ġialadarba li bl-għemil tiegħu l-intimat ma onorax it-termini u l-kundizzjonijiet tal-polza ta' l-assigurazzjoni maħruġa mis-soċjeta' assikuratriċi rikorrenti fir-rigward tal-fuq imsemmi mutur, is-soċjeta' assikuratriċi rikorrenti hija intitolata illi tirkupra mingħand l-istess intimat l-ammont ta' sitt elef, tlett mija, disgħa u sittin Euro u wieħed u erbgħin ċenteżmu (€6,369.41).

Interpellat sabiex iħallas, anke permezz ta' ittri uffiċjali datati 21 ta' Novembru 2014, 18 ta' Novembru 2016 u 26 t'Ottubru 2017 rispettivament, l-intimat baqa' inadempjenti u għalhekk kellhom jiġu istitwiti dawn il-proċeduri.

Bl-ispejjez, inklużi dawk ta' l-ittri uffiċjali tal-21 ta' Novembru 2014, 18 ta' Novembru 2016 u 26 t'Ottubru 2017 rispettivament u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ppreżentat kontestwalment ma' dana l-Avviż, u bl-imgħaxijiet legali mid-data meta s-soċjeta' assikuratriċi rikorrenti effettwat il-ħlasijiet, sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat li huwa minn issa stess inġunt għas-subizzjoni.

wara li rat ir-risposta tal-intimat ppreżentata fl-4 ta' Novembru 2019[1] li permezz tagħha rrisponda kif ġej:

1. Illi fl-ewwel lok jigi rilevat illi l-konvenut mhuwiex il-legittimu kontradittur peress illi hi qatt ma kien hemm relazzjoni kuntrattwali bejn is-socjeta' attrici u l-konvenut u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju jigi rilevat illi t-talba tas-socjeta' attrici hija nfondata kemm fattwalment kif ukoll legalment stante illi mhuwiex minnu illi l-konvenut ma onorax it-termini u l-kundizzjonijiet tal-polza tal-assigurazzjoni mahruga mis-socjeta' assikurattrici u kwindi t-talba tas-socjeta' attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra taghha ;

3. Illi inoltre l-esponenti minghajr pregudizzju ghas-suespost jirrileva u jitlob illi r-rikorrenti tindika taht liema disposizzjoni tal-ligi qieghed tibbaza it-talbiet taghha;

4. Illi di piu' l-esponenti jirrileva wkoll illi mhuwiex minnu illi hu kkaguna xi danni lis-socjeta' attrici;

5. Illi ghalhekk l-ebda ammont ma huwa dovut lir-rikorrenti in linea ta' danni mill-esponenti;

[1] Fol 10-11

6. Illi apparti minn hekk l-allegati danni hekk kif mitluba mir-rikorrenti jridu jigu ppruvati minnha sal-grad rikjest tal-ligi u jrid ikun hemm ukoll il-prova tan-ness bejn l-allegati danni u l-esponenti. Illi l-esponenti isibuha ferm difficli jifhmu xtip ta' danni r-rikorrenti qieghda tallega u taht liema kappa.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri li talvolta jistghu jigu permessi skond il-ligi u awtorizzati minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

wara li semgħet ix-xhieda u/jew qrat it-traskrizzjoni tat-testimonjanzi tagħhom,

wara li rat l-atti proċesswali,

wara li rat in-noti ta' sottomissjonijiet finali rispettivi magħmula għan-nom:

- tal-kumpanija rikorrenti, mill-Avukati Dr. Maria Attard ur Dr. Ivan Gatt[2]
- tal-intimat, mill-Avukat Dr. Marion Camilleri[3]

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Fis-6 ta' Novembru 2005, Donald Cassar li jiġi ħu l-intimat, kien involut f'inċident fatali tat-traffiku waqt li kien qed isuq mutur (Honda CBR) bin-numru ta' reġistrazzjoni VFE-016, proprjeta' tal-intimat, liema inċident wassal sabiex ċertu Alfred Galea sofra ħsarat fil-vettura tiegħu. L-intimat kien kopert b'polza tal-assigurazzjoni *third party* maħruġa mir-rikorrenti għas-sewqan minnu tal-istess mutur.[4] Sussegwentement Alfred Galea fetaħ proċeduri tal-arbitraġġ kontra l-eredi preżunti ta' Donald Cassar għar-risarċiment tad-danni li nkorra f'liema proċeduri intervjeniet skond il-liġi l-kumpanija rikorrenti. Wara li imbagħad Alfred Galea biegħ u assenja l-vettura tiegħu u d-drittijiet litiġjużi lil ċertu Grezzju Gauci, dan tal-aħħar daħal fiż-żarbun tiegħu bħala r-rikorrenti fil-proċeduri tal-arbitraġġ. Permezz tal-lodo arbitrali li ngħata fil-31 ta' Ottubru 2013 ġie deċiż illi Donald Cassar kien jaħti unikament għall-inċident in kwistjoni u għalhekk il-kuraturi deputati tal-eredita' tiegħu ġew ikkundannati iħallsu lil Grezzju Gauci s-somma ta' €4,658 flimkien mal-ispejjeż u l-imgħaxijiet dekoribbli minn dakinhar[5].

[2] Fol 71-76
[3] Fol 78-89
[4] Fol 26
[5] Fol 38-43

2. Wara li deċiżjoni għaddiet *in ġudikat* r-rikorrenti **saret tenuta** *ex-lege* li tħallas lit-terz Grezzu Gauci l-ammont li ġie kanonizzat mill-tribunal tal-arbitraġġ u dan ai termini tal-Art. 10(1) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta’ Malta:

   « **10.(1) Jekk, wara li jkun inħareġ ċertifikat ta’ assigurazzjonitaħt l-artikolu 4(4) tal-artikolu 4 lill-persuna li tkun ħadet il-polza,tiġi mogħtija sentenza kontra persuna assigurata bil-polza, dwar responsabbiltà li għandha tkun koperta minn polza taħt l-artikolu 4(1) (meta hija responsabbiltà koperta bil-kondizzjonijiet tal-polza), f’dan il-każ, għad illi l-assiguratur awtorizzat ikun jista’ jannulla jew iħassar, jew ikun annulla jew ħassar il-polza, huwa għandu, bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta’ dan l-artikolu iħallas lill-persuni li favur tagħhom tkun ingħatat is-sentenza, kull somma ta’flus li għandha titħallas bis-saħħa ta’ dik is-sentenza dwar ir-responsabbiltà fuq imsemmija, kompriż l-ammont li jmiss jitħallas għal spejjeż u għal imgħaxijiet fuq dik is-somma u dik is-sentenza wara jumejn li tiġi notifikata lill-assiguratur b’att ġudizzjarju għandha tikkostitwixxi titolu esekuttiv kontra dak l-assiguratur għall-finijiet kollha tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u tista’ tiġi enforzata kontra tiegħu**. »

3. Fis-seduta tat-30 ta’ Novembru 2020, **Joseph Cassar** xehed in rappreżentanza tal-kumpanija rikorrenti illi din ħallset lil Grezzju Galea (tramite l-avukat tiegħu) s-somma ta’ € 6,257.85.[6] Inoltre inkorriet l-ispejjeż ta’ €27.49 (*survey report*) u €84.03 spejjeż tal-avukati li lkoll flimkien jammontaw għat-total ta’ **€6,369.41.**

4. Il-polza tal-assigurazzjoni li kienet tkopri lill-intimat kellha bħala waħda mill-kundizzjonijiet illi l-mutur seta’ jinstaq biss mill-intimat u minn ħadd iżjed. [7]

5. Ir-rikorrenti fetħet din il-kawża abbażi tad-danni li soffriet minħabba li l-intimat kiser l-istess kundizzjoni tal-kuntratt meta ħalla jew ippermetta lil ħuh isuq il-mutur in kwistjoni.

6. L-intimat **Josef Cassar** min-naħa tiegħu xehed permezz tal-affidavit tiegħu[8] illi ħuh kien seraqlu l-liċenzja tas-sewqan sabiex jirreġistra l-mutur li kien xtara (i.e. li kien xtara ħuh u mhux hu) fuq ismu **mingħajr ma’ kien jaf.** Spjega illi hu ma’ jsuqx muturi, li qatt ma’ kellu mutur f’ħajjtu u li sar jaf li ħuh kien irreġistra l-mutur fuq ismu wara l-inċident in kwistjoni. In kontroeżami fis-seduta tal-15 ta’ Novembru 2021[9] xehed illi anke l-polza tal-assigurazzjoni kienet ġiet magħmula f’ismu minn ħuh mingħajr ma’ kien jaf. Filfatt spjega illi dik li tidher il-firma tiegħu fuq l-*application form* sottomessa lill-kumpanija rikorrenti **ma’ kienx għamilha hu**.[10]

[6] Fol 35A, 35B, 36
[7] Fol 26-33
[8] Fol 58
[9] Fol 63A-63I
[10] Fol 23-24

Meta ġie ikkonfrontat b'dikjarazzjoni li kien iffirma fl-4 ta' Jannar 2006 u li kien għamel lill-kumpanija rikorrenti **wara** l-inċident, huwa qal illi din verament saret minnu u li *"pero din ġiet bħal sajjetta fil-bnazzi u hekk kelli ngħid dakinhar ħeq".*

7. Fid-dikjarazzjoni in kwistjoni (esebita bħala Dok MAX2[11]) l-intimat qal *inter alia*:

    1. Illi huwa sid il-mutur in kwistjoni;
    2. Illi huwa qatt ma' kien ta ċ-ċwievet lil ħuh sabiex isuq il-mutur tiegħu;
    3. Illi l-mutur ttieħedlu mingħajr kunsens;
    4. Illi huwa dejjem kien jipparkja l-mutur taħt it-taraġ tal-blokka t'appartamenti fejn jgħix, u li għalkemm kien juża *steering lock*, madanakollu biċ-ċavetta wieħed jista' jiftaħ dan il-*lock* u jsuq il-mutur
    5. Illi fid-data tal-inċident meta l-Pulizija ħabbtulu l-bieb u qalulu sabiex imur sal-Isptar, huwa niżel isfel u ma' sabx il-mutur.

8. Minn din id-dikjarazzjoni joħroġ bil-wisq ċar illi kuntrarjament għal dak li xehed fl-affidavit, l-intimat kien jaf li huwa kien sid il-mutur u mhux il-każ li dan kien ġie rreġistrat bħala s-sid *ad insaputa* tiegħu. Joħroġ ukoll illi huwa kien juża l-istess mutur.

9. Fis-sentenza fl-ismijiet **Carmelo Farrugia v. Rokku Farrugia** (Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, 24/11/1966) intqal illi:

    « *Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola tal-in dubio pro reo. Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soġġett għall-iżbalji tal-perċezzjonijiet tiegħu u għall-passjoni, huma ħaġa li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti għaliha. Meta l-każ ikun hekk, il-Qorti m'għandhiex taqa' ċomb fuq l-iskappatoja tad-dubbju, imma għandha teżamina bl-akbar reqqa jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilità u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabbilità u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawża ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant … Anzi, f'każijiet bħal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn versjoni u oħra, aktar tidher il-possibbilità ta' qerq da parti ta' xi wieħed mill-kontendenti.* »

10. Din il-Qorti li kellha ċans tifli l-komportament tal-intimat fuq il-pedana tax-xhieda u inoltre tqis id-diskrepanzi kbar fix-xhieda tiegħu, m'għandix l-iċken dubju illi l-intimat prova jqarraq biha b'dak li xehed kemm fl-affidavit tiegħu u kemm *viva voce* quddiemha. Għal din ir-raġuni fis-seduta tat-13 ta' Ġunju 2022 hija filfatt laqgħet it-

[11] Fol 66

talba tar-rikorrenti sabiex tirreferi l-każ lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex tinvestiga lill-intimat u jekk hemm bżonn tieħu passi fil-konfront tiegħu għal sperġur.

11. L-aġir tal-intimat huwa tali illi inoltre jwassal lill-Qorti sabiex ma' temmnux fil-verżjoni tiegħu illi huwa ma' kienx ta l-kunsens lil ħuh sabiex isuq il-mutur in kwistjoni.

**L-eċċezzjonijiet tal-intimat**

12. L-ewwel eċċezzjoni tal-intimat ossia' dik illi m'huwiex il-leġittimu kontradittur f'din il-kawża ġiet irtirata minnu fis-seduta tad-19 ta' Ottubru 2020.[12]

13. It-tieni eċċezzjoni fis-sens illi l-intimat ma' kiser l-ebda kundizzjoni tal-polza hija waħda manifestament infondata. Għar-raġunijiet diġa msemmija l-Qorti tqis li l-kredibilita' tal-intimat hija waħda viċin ħafna taż-żero u ma' tistax tqisu affidabbli meta jgħid illi huwa ma' kienx konxju tal-fatt illi ħuh kien qed isuq il-mutur tiegħu. Dan ifisser illi kien hemm ksur tal-kundizzjonijiet tal-polza stante illi l-mutur seta' jinstaq biss mill-intimat u minn ħadd iżjed.

14. It-tielet eċċezzjoni hija dik illi skond l-intimat, ir-rikorrenti għandha tindika taħt liema disposizzjoni tal-liġi qegħda tibbaża t-talbiet tagħha. Din l-eċċezzjoni għandha mill-fieragħ stante illi mir-rikors promotur innifsu joħroġ ċar illi r-rikorrenti qed titlob risarċiment ta' danni kuntrattwali. F'dan ir-rigward l-Art 1125 tal-Kodiċi Ċivili tistipula dak li ġej:

> **« 1125. Kull minn jonqos li jesegwixxi obbligazzjoni li huwa jkun ikkuntratta, hu obbligat għad-danni.**

15. Ir-raba', il-ħames u s-sitt eċċezzjonijiet huma illi l-intimat ma' kkawża ebda danni lill-kumpanija rikorrenti, li għalhekk m'għandu jagħtiha xejn u inoltre r-rikorrenti trid tipprova sal-grad rikjest mill-liġi mhux biss dawn id-danni iżda ukoll in-ness bejn l-allegat danni u l-intimat.

16. F'dan ir-rigward għandu jitfakkar illi din il-kawża hija azzjoni mibnija fuq danni *ex-contractu* wara li skond r-rikorrenti l-intimat kiser kundizzjoni tal-polza tal-assigurazzjoni. Għalhekk hija distinta mill-azzjoni li nfetħet fl-Arbitraġġ mit-terz li sofra d-danni kontra l-eredi tas-sewwieq peress illi hemmhekk id-danni reklamati kienu dovuti *ex-delicto* u hija ukoll distinta mir-responsabilta' li kellha r-rikorrenti *ex-lege* illi tikkumpensa lit-terz l-ammont li ġie likwidat mit-Tribunal tal-Arbitraġġ bħala ammont dovut lilu.

---

[12] Fol 17

17. F'dan ir-rigward issir riferenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fl-ismijiet: **Hugh P. Zammit noe v. John Mifsud et.** (App Ċiv. Nru. 2256/1998/1, deċiż 01/04/2005) fejn intqal hekk:

> « Jidher car li l-appellant qieghed jibbaza dan l-ewwel aggravju tieghu fuq il-konsiderazzjoni li l-azzjoni tas-socjeta` assiguratrici hija wahda ta' rizarciment ta' danni hekk msejha akwiljani. Madanakollu, l-azzjoni attrici fil-verita` ma tikkoncernax danni akwiljani izda danni kontrattwali. L-azzjoni attrici hija bazata fuq inadempjenza kontrattwali in kwantu l-assigurat, cioe` l-appellant, naqas li josserva l-obbligi imposti fuqu bhala kundizzjoni tal-hrug tal-polza ta' assigurazzjoni in kwistjoni. Dan in-nuqqas jidderiva mill-fatt li l-appellant ippermetta lil huh, cioe` lill-imsemmi George Mifsud, isuq il-vettura assigurata mis-socjeta` attrici meta dan George Mifsud ma kellux l-eta` rikjesta fl-istess polza u b'hekk meta sar l-incident awtomobilistiku in kwistjoni, il-polza ta' l-assigurazzjoni ma kienitx tkoprih. Kif sewwa qalet l-ewwel Qorti fil-kaz in ezami, il-konvenut John Mifsud, bhala proprjetarju u assigurat, assuma l-obbligu li ma jhallix lil huh George jsuq il-vettura tieghu qabel ma dan jaghlaq il-wiehed u ghoxrin (21) sena. Irrizulta li l-appellant naqas josserva dan l-obbligu, u ghalhekk sar responsabbli ghar-rizarciment ta' dawk il-flejjes kollha li s-socjeta` assigurattrici appellata kienet obbligata li thallas lit-terza persuna msemmija fl-incident awtomobilistiku, kollox ai termini ta' l-Artikolu 10 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk ir-radd lura tal-flus imhallsa mis-socjeta` attrici mhuwiex bazat fuq rizarciment ta' danni akwiljani. izda huwa bazat fuq in-nuqqas ta' l-appellant li josserva debitament il-kuntratt ta' assigurazzjoni li kien jezisti bejnu u bejn is-socjeta` appellata. »

18. F'din il-kawża l-ammont li r-rikorrenti ġie imġiegħla tħallas *ex-lege* lit-terz kienu danni li sofriet minħabba l-fatt illi hija kkumpensat lit-terz meta l-polza tal-assigurazzjoni ma' kienetx tkopri lis-sewwieq u dan bi ksur tal-kundizzjonijiet tal-polza min-naħa tal-intimat qua' assigurat tagħha. Għalhekk dawn l-eċċezzjonijiet ukoll għandhom jiġu miċħudha.

**Deċiżjoni**

**Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddisponi minn din il-kawża billi filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimat, tilqa t-talba tal-kumpanija rikorrenti b'dan li:**

1. **Tikkundanna lill-intimat jħallas lir-rikorrenti s-somma ta' sitt elef tlett mija disgħa u sittin euro u wieħed u erbgħin ċenteżmu (€6,369.41) rappreżentanti danni kuntrattwali in konnessjoni mal-ksur tal-polza tal-assigurazzjoni in kwistjoni;**

2. **Bl-imgħaxijiet legali jkunu dekoribbli mid-data tal-preżentata tal-kawża odjerna (stante illi r-rikorrenti ma' ppreżentatx kopji tal-ittri uffiċjali tal-21 ta' Novembru 2014, 18 ta' Novembru 2016 u 26 t' Ottubru 2017 rispettivament) sad-data tal-effettiv pagament;**

3. **L-ispejjeż ta' din il-kawża u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ppreżentat kontestwalment jitħallsu mill-intimat.**

V.G. Axiak — Y.M. Pace

Maġistrat — Dep. Reġistratur